**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT- TLIETA, 6 TA' NOVEMBRU, 2001

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 932/01AE**

**Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Middle Sea Insurance plc**

**vs**

**CTB Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas ta' mitejn u sebgha u disghajn lira Maltija (Lm297) jirraprezenta bilanc mill-prezz ta' premia u spejjez ancillari inkorsi dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tal-konvenut.

Semgha lill-avukat Dr. Neville Camilleri jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm notifikata bl-avviz tat-talba baqghet ma pprezentatx risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tas-26 ta' Ottubru 2001 u dik tal-lum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici kif dedotta u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u sebgha u disghajn lira Maltija (Lm297), liema ammont jirraprezenta bilanc mill-prezz ta' premia u spejjez ancillari inkorsi dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tal-konvenut.   Bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar 2001 u d-drittjiet legali, ikunu ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**